MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Numru. 437/2011

IL- PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
KONTRA

STEPHEN MCKAY

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Mckay ta' 34 sena, bin Anthony u Josephine nee' Agius, mwieled Pieta' fit- 13 ta' Awwissu 1976, residenti 84, Flat 4, Triq l- Ifran, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 516376M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 20 ta' Marzu 2001 ghal habta tat- 8.15pm gewwa City Gate, Floriana;

1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Transport Malta, Enforcement Officer No, 212 Joseph Caruana, persuna nkarigata skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li jkun qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skont il- Ligi mill- Awtorita' kompetenti, u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna tieghu skont kif iccerfitika Dr. David Fenech Md mid- Dipartiment tal- Kura Primarja, Floriana;

Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi;

2) ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq Enforcement Officer No. 212 Joseph Caruana, persuna ta' wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) hebb ghal Enforcement Office No. 212 Joseph Caruana sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' arlogg tal- idejn u nuccali, ghad- dannu ta' Enforcement Officer No. 212 Joseph Caruana;

5) bil- lejl, kiser il- mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b' mod iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi migjuba kontrih, u ghalhekk sejra tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu. Sfortunatament, il-Qrati qed jaraw dawn it-tip ta' incidenti jinqalghu spiss f' Malta. L-aggressjoni lejn ufficjali pubblici qed isir reat komuni, u sintomu ta' socjeta' aktar disposta tesprimi disprezz vjolenti lejn l-awtorita'. Il-Qorti hija mhassba hafna dwar dawn ir-reati, li fihom infushom m'humiex ta' portata kbira izda juru atitudni ta' "bullying", atitudni lit rid turi li s-sahha u l-forza huma aqwa mir-raguni. Il-Qorti hija perplessa l-aktar meta' tigi biex taghti piena f'dawn il-kazi. Piena ta' prigunerija effettiva taf tkun aktar reazzjoni ta' tpattija u retributtiva f'ghajnejn is-socjeta', u l-Qorti - ghalkemm ikkunsidratha f'dan il-kaz - hi tal-fehma li tali piena m'hi sejra sservi ghal l-ebda taghlima jew deterrent ghall-imputat.

Ghalhekk il-Qorti rat il-provi esebiti fl-atti, konsistenti fl-istqarrija tal-imputat u fir-rapport tal-Pulizija, minn fejn irrisulta li l-imputat mal-ewwel ammetta li kien hu u talab skuza ghal dan l-incident, li ghalkemm hu wiehed serju u gravi, ma kellux konsegwenzi konsiderevoli. Madankollu, il-Qorti trid tassigura ruhha li d-danni sofferti mil-parti leza jigu mhallsa skond il-ligi u b'hekk isir ir-risarciment tal-hsara li giet sofferta, u fl-istess waqt tinghata piena li sservi ta' deterrent lill-imputat biex ma jergax jikkommetti reati ohra bhal dan.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat  l-Artikoli 96, 221(1), 92, 95(1), 339(1)(d), 325(b), 338(m) u 383(1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) lil Enforcement Officer No. 212 Joseph Caruana fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 favur Enforcement Officer No. 212 Joseph Caruana ghal sena taht penali ta' elf ewro (€1,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------